- *użu tal-assi tal-employer minn impjegat*
- *għal gwadann personali*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 6 T'OTTUBRU, 2020.**

**Rikors Nru. 688/14GM**

**MI Malta Limited C37756**

**vs**

**Stephania Abela Tickle ID 287475M u żewġha Paul Tickle għal kull interess li jista' jkollu.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tas-soċjeta` attriċi li permezz tiegħu wara li ppremettiet illi:-

1. il-konvenuta għamlet snin bħala impjegata tagħha.

2. lejn l-aħħar żminijiet ta' dan l-impjieg, addetti tal-istess soċjeta` ġie a konoxxenza tagħhom, li l-konvenuta waqt il-ħinijiet, mill-faċilitajiet u taħt

isem tal-istess attriċi, kienet qed tapproprija għaliha nnifisha xogħlijiet li l-qliegħ minnhom minflok ma għadda għand is-soċjeta` rikorrenti kif kellu jkun, ittieħed abbużivament u llegalment mill-konvenuta.

3. il-flejjes jammontaw għal eluf ta' ewro u b'hekk minħabba fl-aġir illeċitu tal-konvenuta Abela Tickle, l-attriċi sofriet danni konsiderevoli.

4. l-konvenuta kienet interpellata sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u assunzjoni tad-danni iżda baqgħet inadempjenti.

Talbet lill-Qorti sabiex:-

1. tiddikjara li il-konvenuta kkaġunatilha danni meta waqt li hija kienet impjegata magħha approprijat għaliha nnifisha qliegħ u xogħol li kien jappartjeni lill-attriċi.

2. tillikwida d-danni hekk sofferti.

3. tikkundanna lill-konvenuti jħallsuha d-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjeż, bl-imgħax sal-ħlas effettiv;

Rat ir-Risposta Ġuramentata ppreżentata mill-konvenuti li permezz tagħha eċċepew illi:-

1. Paul Tickle mhuwiex leġittimu kontradittur f'din il-kawża u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

2. l-allegazzjonijiet il-pretensjonijiet u t-talbiet magħmula mis-soċjeta` attriċi huma għal kollox infondati fil-fatt u fil-liġi u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

3. mhux minnu li, fil-kors tal-impjieg tagħha mas-soċjeta` attriċi, l-eċċipjenti abbużivament u illegalment ħadet xi xogħol jew qliegħ tas-soċjeta` attriċi kif allegat mill-istess soċjeta` attriċi.

4. f'kull każ, u mingħajr preġudizzju, l-eċċipjenti ma hija responsabbli għal ebda danni li setgħet sofriet is-soċjeta` attriċi;

Rat id-dikjarazzjoni ta' Dr Edward Gatt waqt l-udjenza tas-26 t'April 2016 li l-affidavits esibiti a fol 21 għandhom jagħmlu stat fl-atti tal-kawża numru 702/14 fl-ismijiet inversi;

Rat li permezz ta' dikjarazzjoni konġunta fejn il-partijiet qablu li l-provi f'din il-kawża jgħoddu għall-kawża fl-ismijiet inversi (Rik.Gur. Nru. 702/14) u viċi-versa;

Ikkunsidrat:

***Eċċezzjoni preliminari***

Illi kwantu għall-ewwel eċċezzjoni, Paul Tickle, ir-raġel tal-konvenuta Stephania Tickle, għalkemm ma jweġibx direttament għat-talbiet attriċi, għandu nteress bħala preżunt komparteċipi fil-komunjoni tal-akkwisti bejnu u bejn martu u għalhekk l-inklużjoni tiegħu fil-kawża hija waħda valida;

***Fatti paċifiċi***

Illi l-fatti ewlenin li taw lok għal din il-kawża, u li jidher li huma aċċettati miż-żewġ partijiet kontendenti, żvolġew kif ġej:

1. L-attivita` ewlenija tal-attriċi hi li torganizza konferenzi internazzjonali u avvenimenti għal kumpanniji barranin kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

2. Il-konvenuta kienet *operations manager* magħha. Bdiet l-impjieg tagħha fis-sena 2008. Fid-9 ta' Settembru 2013 avżatha[1] li kienet sejra ttemm l-impjieg għaliex kien bi ħsiebha tiftaħ għal rasha[2]. Spiċċat fid-9 t'Ottubru 2013[3]

3. Qrib it-tmiem tal-impjieg, il-konvenuta kienet qiegħdha tinnegozja, bħala impjegata tal-attriċi, ma' grupp jismu ESI għal avveniment f'Lisbona. ESI kien ilu jingaġġa s-servizzi tal-attriċi għal madwar sitt snin.

4. L-attriċi kellha klijent ieħor il-kumpannija Germaniża GLOBO Incentives GMBH. B'ittra elettronika tal-5 t'Awwissu 2013, uffiċċjal tagħha Albert Wise informa lill-konvenuta li żewġ uffiċċjali riedu jagħmlu site inspection f'Malta għal proġett li kien propost xhur qabel. Is-site inspection saret bejn it-13 u l-15 t'Otturbu 2013 u ġew akkomodati fil-lukanda Hilton. Il-kmamar ġew ibbukkjati fuq isem l-attriċi. Il-konvenuta ggarantiet il-kont bil-karta ta' kreditur personali tagħha. Il-GLOBO sussegwentement ikkonforma l-proġett u żamm l-attivita` tiegħu fil-lukanda Weston.[4]

5. Il-konvenuta qabel temmet l-impjieg ħassret l-emails li kellha fl-email address tax-xogħol, inklużi dawk relatati mat-trattivi mal-entitajiet fuq imemmija[5].

6. Fl-aħħar nofs siegħa qabel telqet MI talbu lil Pickle sabiex tiffirma li għal sentejn ma titkellimx ma' nies li kienu jaħdmu ma' MI Malta. Hija rrifjutat[6].

---

[1] Ittra a fol 36 (702/14)
[2] fol 22 (702/14)
[3] affd. Tickle fol. 15 para. 9 (702/14)
[4] fol 154 (702/14)
[5] fol 346 (702/14) "Il-purchase orders il-kuntratti kollox għosfor, ma ħareġ xejn. Fil-fatt dawn il-korrispondenza ma sibnihomx fl-email tagħha; sibnihom fis-server tagħha".
[6] fol 385 (702/14)

7. Fil-bidu ta' Settembru 2013 l-attriċi nfurmat lil ESI li l-konvenuta ma kinitx għadha impjegata tagħhom[7]. Amy de Rouvray irilaxxjat affidavit[8] (375) li fih stqarret li : "in early September 2013, ESI's Events Coordinator (Ms Michaela List) received a phone call from MI Malta's director (Ms. Erika Harding). She was informed that unless MI Malta's services were contracted for the project, they would commence legal proceedings against both Ms Abela Tickle and ESI.

"Ms Erika Farrugia-Harding was immediately reminded that:

-there was no existing or ongoing contractual relationship between ESI and Mi Malta

-according to our Group's internal procedures and policy the agent for each event should be appointed following the pitch process

- MI Malta couldn't lawfully expect to win the pitch and

- the quality of services provided by Ms Abela Tickle was the sole reason MI Malta was kindly contacted in order to inform about the on-going pitch and let MI Malta submit its proposal in time.

"Facing the arrogant attitude of MI Malta and doubting the possible amicable cooperation with Ms Erika Farrugia-Harding personally, ESI group chose to assign the organization of the KOP 2014 to another supplier that met perfectly the objectives and managed to make a more interesting offer"[9].

8. Il-kuntratt tal-ESI sar ma' terzi mhux identifikati, għalkemm il-booking mal-Corinthia f'Lisbona sar minn Destinations Unlimited (DU) li direttur tagħha kien ċertu Phil Sammut.

---

[7] fol 368 (702/14)
[8] fol 375 (702/14)
[9] fol 376 (702/14)

9. L-attriċi ggarantiet il-Hilton bil-*credit card* personali tagħha[10]. Il-grupp ikkonferma u wara mar il-Weston[11].

10. Fit-23 t'Ottubru 2103 ġiet irreġistrata Meet360 Events Ltd. bl-oġġett li torganizza konferenzi eċċ. Is-segretarja tagħha kienet il-konvenuta; kellhom ishma ugwali l-konvenuta u l-imsemmi Philip Sammut;[12]

***fatti kkontestati***

1. Ma jidhirx li l-kuntratt mal-ESI ġie konkluż waqt il-perjodu tal-impjieg tal-konvenuta, għalkemm it-trattattivi kienu qegħdin javvanzaw sew. Il-konvenuta, għan-nom tal-attriċi, kienet irriżervat, għad-disposizzjoni tal-ESI, il-lukanda Corinthia f'Lisbona bħala *second option*[13]. Sal-1 t'Awwissu 2013 l-ESI iddeċidew fuq il-belt fejn kellhom jagħmlu konferenza (Lisbona).[14] Fit-13 t'Awwissu 2013 l-ESI kienet qiegħdha tipprepara l-*internal purchase order*.[15] B'ittra elettronika tal-14 t'Awwissu 2013, ESI qalet li kienet qed tantiċipa li tagħmel l-ewwel depożitu mal-attriċi f'Settembru.[16]

2. L-attriċi ssostni "illi l-konvenuta tawwlet id-depożitu tal-ħlas u ma ħaditux apposta waqt li kienet għadha impjegata"[17] "Ir-raġuni hija għaliex rażżnet ruħha milli ssaqsi għal depożitu ta' dan il-proġett mingħand il-klijent, ma saqsietx għalih bl-intenzjoni li tkun tista' taħdmu fl-impjieg il-ġdid tagħha."[18]

---

[10] fol 153 (702/14)
[11] fol 154 (702/14)
[12] fol 266 (702/14)

[13] second option fl-industrija relattiva tfisser li jkun hemm konferma tad-disponibilita` tal-lukanda biss kemm-il darba min ikollu l-first option iħassar il-booking tiegħu
[14] fol 281, ittra elettronika esibita minn Erica Farrugia Harding
[15] fol 135 u 136 (702/14) fejn hi esibita ittra elettronika datata 13.08.2013 minn Michaela (għan-nom tal-ESI) lil Tickle: I know we do not have the contract yet, but all expense and all information which we mentioned now in our internal purchase order makes the processing easier afterwords (I hope soon). Michaela: I am not sure but if the payment terms need to be mentioned in our Purchase Order to get approved the budget I will take this information".
[16] Fol 148 (702/14) xhieda ta' Erica Farrugia Harding
[17] Fol 23 (688/14). affd. Ta' Douglas Barbaro Sant
[18] Fol 350, 357 (702/14)

3. Skont l-attriċi, "issa l-Corinthia ta' Lisbona aħna kkonfrontajnihom u ħallsu €12,000 fuq l-accomodation biss, commission lis-soċjeta` ġdida ta' Stephania Abela Tickle"[19].

4. Mistoqsija in kontro-eżami, il-konvenuta qalet li ma ħadmitx iktar fuq il-proġett[20]; "jiena ma ħdimtu bħala Stephania"[21]. Marret bħala *guest* [22]. Il-konvenuta, in kontro-eżami, ċaħdet li l-Corinthia ħallsitha xi €10,000.[23] Tħallset ta' *hostess* €1,500 i.e. €300 kuljum[24]. Ċaħdet li għaddiet informazzjoni lill-*partner* tagħha: "No jien ma għaddejtlu l-ebda informazzjoni. In-nies ma humiex ċwieċ. The proposal tista' tagħmilha very easy"[25]. Tgħid li lil Phil Sammut kienet tafu bħala klijent. Kellu żewġ kumpanniji, Destinations Unlimited (DU) u kumpannija oħra li ma qalitx x'jisimha[26]. Irrispondiet emails għan-nom tiegħu meta kien imsiefer.[27]

4. Ittra simili, datata 15 ta' Diċembru 2015 (mhux ikkonfermata bil-ġurament) intbagħtet minn Albert Weise, General Manager ta' GLOBO Incentives. Jenfasizza li kien ikkuntratta ma' MI għaliex kien jaf personalment lil Tickle. Il-kuntratt sar f'Marzu 2014 magħha. Jgħid ukoll: "it is a worldwide norm that a simple request is non binding and non-remunerating, and every agency acknowledges that a bid for any project, provides no possible claim on the eventual outcome… Our decision was in line with our unequivocal right to

[19] fol 152 (702/14)
[20] fol 163 (702/14)
[21] fol 164 (702/14)
[22] fol 165(702/14)
[23] fol 168 (702/14)
[24] fol 169 (702/14)
[25] fol 397 (702/14)
[26] fol 702/14 (702/14)
[27] fol 287 e-mail 6 August from Phil Sammut to Corinthia; e-mail from Stephania Tickle 12.07.2013 to Corinthia (fol 223(702/14); email minn Corinthia Hotel Lisbon: "(Sofia Ferreira o.b.o Sofia who is currently on vacation.) we are delighted to know that your group is ready to sign up a contract with you and us. Meanwhile, since this is the same group that we have through another client, we could not fail to apply the same condtions as follows….we are fully committed in confirming your group in our property (fol 235). Email Phil to Julia Marquess: could you please review contents and let us have your response/recommendations accordingly, so that we can move forward towards signature of contracts?" (21.10.2013) fol 236 (702/14). Phil to Marquess: "shall be travelling**. During my absence, my colleague Stephania will be your main contact for further follow up and finalization on this project.** She can be reached directly on e-mail stephania @du-consulting.com. 11.11.2013. Frok Marquess to stephania: we are delighted to send you our contract draft for your appreciation. We will need DU Consulting VAT number (Corinthia Hotel Lisbon)(241). Agreement bejn DU Consulting (Ltd) (contact: Phil Sammut) u Corinthia Hotel Lisbon (fol 242) iffirmat 2nd December 2013(fol 249). Prodotti minn Simon Naudi, prodott minn MI.

choose the partners with which we operate, given that a binding contract had not been concluded, in which case it would have been respected"[28].

5. Anke GLOBO ġew infurmati mill-attriċi "in September 2013[29]… we were informed minn Douglas that Ms. Tickle was leaving the company";

Ikkunsidrat:

***Evaluwazzjoni tal-verżjonijiet rispettivi tal-partijiet***

Illi fil-każ tal-ESI, il-konvenuta ssostni li wara t-temm tal-impjieg mal-attriċi, ma kellhiex x'taqsam magħha, għajr għan-nom ta' terz (Phil Sammut) u għajr ukoll li ħadmet magħha bħala bħala guest u tħallset €1,500. Din il-Qorti ma ssibx li din il-verżjoni għandha mis-sewwa. Il-konvenuta ħassret l-emails tax-xogħol. Il-verżjoni tagħha li ħassrithom biex tnaddaf – u mhux biex taħbihom minn għajnejn l-*employer* tagħha - xejn ma tikkonvinċi lil din il-Qorti, apparti li tiddubita kemm dan huwa legali. Il-konvenuta kienet ferm riluttanti li tikxef ir-relazzjoni ta' negozju li kellha ma' Phil Sammut, permezz ta' kumpannija li waqqfet bi sħab miegħu tlett ġimgħat biss wara li temmet l-impjieg minn mal-attriċi. Relazzjoni li ħarġet biss frott ta' kontro-eżami ferm isserrat. Il-Qorti mbagħad xejn a hi mpressjonata bl-istqarrija tal-konvenuta li sa dak iż-żmien lil Phil Sammut kienet tafu bħala klijent. Jirriżulta li kumpannija oħra tal-istess Phil Sammut DO ikkuntrattat mal-lukanda Corinthia f'Lisbona in konnessjoni mal-konferenza organizzata mill-ESI. Iżda ma jirrużultax b'mod ċar mill-atti min ikkuntratta mal-ESI; uffiċjal tal-ESI (konvenjentement għall-konvenuta) irreferiet għal terza persuna mingħajr ma semmiet min hi Għalkemm m'hemmx prova diretta, il-provi indizjarji jippuntaw fuq bażi ta' probabilita` li l-benefiċċjarju jew waħda mill-benefiċċjarji tal-attivita` organizzata mill-ESI

[28] fol 377 (702/14)
[29] fol 379 (702/14)

f'Lisbana kienet il-konvenuta. Fost dawn l-indizji hemm il-mod kif il-konvenuta kompliet u kkonkludiet in-negozjati mal-kumpannija l-oħra GLOBE wara li temmet l-impjieg tagħha mal-attriċi. Turi ċerta kondotta tal-konvenuta;

Illi l-konvenuta ssostni li fiż-żewġ istanzi – tal-ESI u tal-GLOBE – ma kien ġie konkluż l-ebda kuntratt mal-attriċi, li allura ma kellha l-ebda garanzija li l-kuntratti kienet sejra tirbaħhom hi. Barra minn hekk, issostni wkoll li l-kumpannija in kwistjoni kienu jafu lill-konvenuta personalment u kienu jittrattaw mal-attriċi minħabba l-kapaċitajiet eċċellenti u l-fiduċja li kellhom fil-konvenuta;

Illi l-Qorti hi konvinta li dan huwa kollu minnu, mhux biss għaliex ikkonfermawh uffiċċjali tal-kumpanniji in kwistjoni, iżda wkoll għaliex fl-industrija tas-servizzi speċjalizzati, ta' spiss il-persuna li materjalment tesegwihom hija partikolarment importanti jekk mhux ukoll determinanti meta l-konsumatur jiġi biex jagħżel ma' min jiftiehem. Min-naħa l-oħra, ġaladarba n-negozjati ma' dawn il-kumpanniji bdew fil-perkors tal-impjieg tal-konvenuta mal-attriċi, dawn jiffurmaw parti mill-assi tal-attriċi u l-konvenuta użathom għall-gwadann personali tagħha. Dawn mhux każijiet fejn il-konvenuta ikkuntrattat ma' klijenti tal-attriċi li ma kienet għamlet l-ebda negozjati magħhom fir-rigward tal-kuntratt partikolari waqt l-impjieg tagħha mal-attriċi – aġir legali, anke jekk mhux għal kollox etiku fl-assenza ta' kundizzjoni projbittiva fil-kuntratt tal-impjieg. Il-konvenuta sfruttat tagħrif kummerċjali akkwistat waqt il-kuntratt ta' mpjieg tagħha, bi ksur tal-obbligu tal-fedelta` li l-impjegat għandu jkollu lejn min jimpjegah;

Ikkunsidrat:

*Likwidazzjoni tad-danni*

Illi l-unika prova li ressqet l-attriċi dwar il-qliegħ li tallega li tilfet hi l-kelma ta' uffiċjali tagħha stess dwar attivitajiet simili, liema allegazzjonijiet xejn ma huma konsistenti magħhom infushom. Skont Douglas Barbaro Sant, id-dħul mill-attivita` tal-ESI kienet tħalli ċirka €50,000. Skond Erica Farrugia Harding, tħalli average ta' €45,000[30]. Skont Erica Farrugia Harding, il-kuntratt mill-GLOBO kellu jkun xi €40,000 "bħala finanzi" (sic)[31]; Douglas Barbaro Sant qal li kellu jkun €20,000[32]. L-attriċi ma pproduċietx il-kotba tan-negozju tagħha li juru l-qliegħ minn attivitajiet simili, u li kienu jkunu l-aħjar prova;

Illi b'danakollu, f'dan il-każ id-danni ma jistgħux jikkonsistu fit-telf ta' qliegħ minn dawn il-kuntratti. Dawn ma kinux ġew konklużi waqt l-impjieg tal-konvenuta, u l-probabilita` kbira hi li xorta ma kinux isiru stante li l-kwalitajiet personali tal-konvenuta kienu determinanti għall-konklużjoni tal-kuntratt. Ġaladarba l-konvenuta telqet, kien ferm diffiċli għall-attriċi li tikkonkludi dawn il-kuntratti; anke kieku l-konvenuta ma ħaditx il-kuntratti hi. Dan apparti, mbagħad, li l-attriċi, fil-każ tal-ESI, għamlet bħal Sansun, ġibdet il-kolonni u waqqgħet is-saqaf fuq rasha billi heddet li tfittex lis-soċjeta` estera għad-danni, aġir li kompla naffarha u iktar ikkonvinċiha biex ma jkollhiex x'taqsam mal-attriċi. Minn dawn iż-żewġt aspetti, il-konvenuta ċertament ma taħti xejn;

Illi mill-banda l-oħra, dan ma jfissirx li l-attriċi m'għandha tieħu xejn. Dejjem iviġi l-prinċipju li ħadd m'għandu jarrikkixxi ruħu minn fuq dahar ħaddieħor. Il-konvenuta ċertament użat assi tal-kumpannija biex iggwadanjat hi, anke jekk parti sostanzjali ta' dawn l-istess assi kienu l-kapaċitajiet personali tal-istess konvenuta. B'danakollu matul il-perjodu tal-impjieg dawn il-kapaċitajiet kienu a dispożizzjoni tal-attriċi li kienet tħallasha l-paga u l-commission;

---

30 fol 151
31 fol 155 (702/14)
32 fol 23 affd. Ta' Douglas Barbaro Sant (688/14)

Illi għalhekk il-Qorti qiegħdha, *arbitrio boni viri*, tillikwida d-danni fis-somma ta' tlett elef euro (€3,000);

***Decide***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti:

1. tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti.

2. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara li il-konvenuta kkaġunat danni lill-attriċi meta waqt li hija kienet impjegata magħha approprijat għaliha nnifisha xogħol li kien jappartjeni lill-attriċi.

3. Tilqa' t-tieni talba billi tillikwida d-danni hekk sofferti fis-somma ta' tlett elef euro (€3,000).

4. Tikkundanna lill-konvenuta u lill-konvenut limitatament sa sehmu mil-komunjoni tal-akkwisti li jista' hemm bejnu u bejn il-konvenuta jhallsu d-danni hekk likwidati bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza sal-eventwali ħlas effettiv.

Spejjeż a kariku tal-konvenuta.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA